## FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 21 ta' Frar, 2017**

**Kawża Nru 43**

**Rik. Nru. 884/2009JRM**

**F. SCHEMBRI HOLDINGS LIMITED (C – 17763)**

vs

**PENZA CONSTRUCTION LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-11 ta' Settembru, 2009, bil-proċedura sommarja speċjali li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi titlob li din il-Qorti (i) taqta' l-kawża mingħjr ma tagħti smigħ, u (ii) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallasha l-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, mitejn wieħed u ħamsin ewro (€27,251) li minnhom wieħed u għoxrin elf seba' mija u tnejn u erbgħin ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmi (€ 21,742.79) jirrappreżentaw il-bilanċ tal-prezz ta' materjal lilha fornit u servizzi lilha mogħtijin, u l-bqija tal-ħamest elef

ħames mija u tmien ewro u sittax-il ċenteżmi (€ 5508.16) jirrappreżentaw l-imgħax miġmugħ fuq l-imsemmi bilanċ. Titlob ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet ulterjuri mid-data tal-ftuħ tal-kawża sal-jum tal-ħlas effettiv;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Novembru, 2009[1], li bih sabet li ngħatat raġunijiet tajba biex tħalli lill-kumpannija mħarrka tikkontesta t-talba attriċi, u ħalliet il-kawża għall-eżami tat-Tweġiba Maħlufa;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-30 ta' Novembru, 2009, li biha l-kumpannija mħarrka, preliminarjament, laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li l-kumpannija attriċi m'għandhiex interess ġuridiku billi qatt ma kellha relazzjoni magħha u għalhekk imissha tinħeles milli tibqa' aktar fil-ġudizzju bi spejjeż għall-istess kumpannija attriċi; billi tgħid li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, tgħid li l-kumpannija attriċi jeħtiġilha tipprova d-debitu allegat minnha u tgħid li lill-kumpannija attriċi ma għandha tagħtiha ebda flejjes;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Jannar, 2010[2], li bih dderiġiet lill-partijiet biex iressqu provi marbuta mal-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiemha;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Jannar, 2013[3], li bih tat lill-kumpannija mħarrka żmien sabiex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq mill-avukat tal-kumpannija attriċi[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka tas-26 ta' Frar, 2013[5], b'riferenza kemm għall-eċċezzjonijiet preliminari tagħha u kif ukoll fuq il-mertu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-kumpannija mħarrka;

[1] Paġ. 7 tal-proċess
[2] Paġ. 11 tal-proċess
[3] Paġ. 91 tal-proċess
[4] Paġġ. 89 – 90 tal-proċess
[5] Paġġ. 92 – 6 tal-proċess

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija kawża għall-ħlas ta' prezz ta' materjal mibjugħ u konsenjat u ta' servizzi mogħtija, flimkien mal-imgħax li nġama' fuq l-ammont dovut sad-data tal-ftuħ tal-kawża;

Illi l-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "FSHL") tgħid li l-ammont hu ċert, likwidu u dovut, u li l-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa " Penza") m'għandha ebda eċċezzjoni x'tagħti biex tikkontesta t-talba għall-ħlas. L-istess FSHL tgħid li Penza nnifisha stqarret li għandha tagħti s-somma mitluba u li dan għamlitu f'ittra li ntbagħtet f'isimha lil FSHL. Għaldaqstant FSHL titlob li l-Qorti tikkundanna lil Penza tħallasha dak li għandha tagħtiha;

Illi, min-naħa tagħha, Penza tilqa' għat-talba attriċi billi tissolleva eċċezzjonijiet kemm ta' natura preliminari, kif ukoll fil-mertu. Tibda biex tgħid li m'għandha ebda relazzjoni ma' FSHL u għaldaqstant għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Tgħid ukoll li l-azzjoni attriċi waqgħet billi għadda ż-żmien li fih messha saret, skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2156(f). Fil-mertu, tiċħad li hija għandha tagħti lil FSHL;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu mill-atti</u>, jirriżulta li numru ta' kumpanniji li jaqgħu taħt F. Schembri Group (imsejħin Schembri & Sons Limited, C & F Building Contractors Limited u General Road Servicing Limited), tul is-snin[6], għaddew materjal u taw servizzi lil Penza, għal liema materjal u servizzi, din irreċiprokat permezz ta' għoti ta' materjal[7] (permezz ta' tpaċija). Jirriżulta illi FSHL tgħid li baqa' ammont dovut minn Penza fis-somma ta' wieħed u għoxrin elf, seba' mija tnejn u erbgħin ewro, disa u sebgħin il-ċenteżmu (€21,742,79)[8], u billi tgħid li Penza ma fadlilha l-ebda materjal x'tagħtiha taħt l-arranġament tat-tpaċija[9], għaldaqstant qed titlob li l-imsemmi bilanċ jinqata' bil-ħlas fi flus. Tgħid ukoll illi Penza qablet ma' dan[10];

Illi jirriżulta wkoll li FSHL ġiet mwaqqfa fis-sena 1995[11], filwaqt illi l-kumpannija Schembri & Sons Limited, waħda mill-kumpanniji li taw

[6] Ara fatturi maħruġa f'isem Schembri & Sons Ltd, General Road Servicing Ltd u C & F Building Contractors Ltd mmarkati bħala dok. "FSH1" sa "FSH4" f'paġġ. 71 – 8 tal-proċess
[7] Ara x-xhieda ta' Frank Schembri f'paġġ. 22 u 86 tal-proċess
[8] Dok. "A" f'paġ. 4 tal-proċess
[9] Ara x-xhieda ta' Frank Schembri f'paġ. 17 tal-proċess
[10] *Ibid* pġ. 88 tal-proċess
[11] Ara Dok. "CFB" f'paġġ. 33 – 48 tal-proċess

servizzi jew għaddew materjal lil Penza, twaqqfet fis-sena 1978[12] u hija azzjonista maġġoritarja f'FSHL;

Illi fil-11 ta' Settembru, 2009, infetħet din il-kawża;

Illi dwar il-konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-eċċezzjoni preliminari taħt eżami, jidher li Penza ssejjisha fuq il-fatt li FSHL ma għamlet qatt negozju magħha u li għalhekk ma tistax tippretendi xi ħlas mingħandha dwar arranġament li seta' sar ma' ħaddieħor, imqar jekk dan it-terz huwa kumpannija oħra fil-Grupp ta' kumpanniji li minnu tagħmel FSHL. Il-bażi ta' l-eċċezzjoni ta' Penza hija d-distinzjoni fil-personalita' ġuridika bejn dik ta' FSHL li fetħet din il-kawża u t-tliet kumpanniji li magħhom innegozjat Penza, fosthom Schembri & Sons Limited li, mill-fatturi li ġew ippreżentati minn FSHL, tidher li l-aktar li għandha tieħu mingħand Penza. Schembri & Sons Limited mhijiex parti fil-kawża;

Illi din l-eċċezzjoni trid titqies fil-qafas tal-arranġamenti tan-negozju li l-partijiet ħadmu taħthom. Jidher li, bħalma jiġri f'bosta okkażjonijiet, il-partijiet jaħdmu bis-sistema tat-tpartit u l-qtugħ ta' kontijiet reċiproċi bil-konsenja ta' materjal li jew huma jew kredituri tagħhom ikollhom bżonn minn żmien għal żmien. Dan iġib miegħu taħlit ta' negozji fejn impriża jew kumpannija li tagħmel minn aktar minn impriża jew kumpannija waħda, "tirranġa" l-pendenzi tagħha ma' ħaddieħor billi daqqa tagħti materjal li huwa ta' kumpannija affiljata magħha jew tagħmel mill-grupp tagħha u daqqa tagħti materjal minn kumpannija oħra hekk affiljata;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha jidher li Penza ssostni li l-materjal u s-servizzi li dwarhom FSHL fetħet din il-kawża ma ngħatawx minn FSHL imma minn Schembri & Sons Limited;

Illi biex jigi stabbilit jekk parti f'kawza hijiex jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-ohra, il-Qorti trid tistħarreġ jekk '*prima facie*' il-persuna imħarrka kinetx materjalment parti fin-negozju li skond il-parti attriċi ħoloq ir-relazzjoni ġuridika ta' bejniethom, li wasslu biex inħolqu obbligazzjonijiet fuq il-parti imħarrka illi kellha twieġeb għalihom[13];

Illi l-prinċipji ġenerali dwar il-personalita` ġuridika ta' kumpannija jgħallmu li dik il-personalita` hija distinta minn dik tal-membri tagħha[14]. Fuq dan il-punt l-awturi jgħallmu li "*Maltese law sometimes expressly addressed the relationship between the notion of separate juridical personality of an*

[12] Ara Dok. "CFC" f'paġġ. 49 – 62 tal-proċess
[13] Appell Ċiv. **5.10.2001**, fil-kawża fl-ismijiet ***Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et***
[14] Artikolu 4(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji

*entity and that of the liability of its members. Thus, in the case of a company (a separate juridical person) its members are not liable for the company's obligations and debts. Their own only liability is to pay any balance remaining upaid on shares held by them in the company*"[15];

Iżda kif miżmum mill-Qrati tagħna, kwistjonijiet marbuta mar-responsabilta' huma distinti mill-elementi l-oħra tal-personalita' ġuridika u tar-rappreżentanza, u meta dik id-distinzjoni ma tinżammx, il-konsegwenti konfużjoni ġġib magħha wkoll konfużjoni fis-soluzzjonijiet ġuridiċi[16].

Illi l-istess jingħad għar-rigward ta' grupp ta' kumpanniji[17]. L-awturi jgħallmu li "*It is axiomatic that a holding company is a juridical person separate and distinct from its subsidiaries. The holding company and each subsidiary are distinct entities at law. The holding company is a member of its subsidiary and has its liability limited to the amount, if any, unpaid on the issued shares held by it in the subsidiary. Each company within a group constitutes a separate juridial person and has its own debtors and creditors*"[18];

Illi mill-provi mressqa, il-Qorti jirriżultalha illi FSHL ma nnegozjatx b'mod dirett ma' Penza. In-negozzju sar minn tliet kumpanniji li, fi tnejn minnhom[19], għandhom bħala direttur lill-istess persuna (Frank Schembri), u li FSHL hija azzjonista ewlenija f'waħda minnhom (Schembri & Sons Limited);

Illi mill-provi mressqa minn FSHL innifisha l-krediti li għad fadal bħala dovuti minn Penza huma fir-rigward ta' Schembri & Sons Limited, C & F Building Contractors Limited u General Road Servicing Limited[20]. Ma jissemma l-ebda dejn minn Penza lejn FSHL. Kienet l-istess Penza li, f'Lulju tal-2006, bagħtet ittra lil FSHL li kienet taċċetta li kellu jitħallas l-ammont mitlub minn FSHL f'din il-kawża. Kien hemm żmien ukoll fejn Penza kienet tidher imħajra li tammetti t-talba fil-mertu[21];

Illi madankollu, jibqa' l-fatt xorta waħda li l-Qorti trid tistħarreġ l-eċċezzjoni preliminari ladarba ma ġietx irtirata. Ta' min jgħid li l-kwestjoni tal-illeġittimita' attiva f'kawża tinbena fuq ċirkostanzi fattwali u

---

15 A Muscat, *Principles of Maltese Company Law* (2007), paġ. 224

16 App. Ċiv. **4.10.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Buġeja vs. Carmelo Agius et*** (Kollez. Vol. **LXXV.ii.418**) fil-kuntest ta' soċjeta' ċivili

17 P.A. AM **22.04.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***George Spiteri (Successors) Limited vs. Anthony Cremona et*** (mhux appellata)

18 A Muscat, *op. cit.*, paġ. 209

19 C & F Building Contractors Limited u Schembri & Sons Limited

20 Ara Dok "FSH1", f'paġ. 71 tal-proċess

21 Ara verbal f'paġ. 79 tal-proċess

legali li ma jiddependux mill-aċċettazzjoni tal-parti li tqajjem l-eċċezzjoni, bħalma jista' jiġri fil-każ tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li parti tista' tirrinunzja għaliha, espressament jew mod ieħor. Għalhekk iċ-ċirkostanzi li għadhom kemm issemmew ma jwaqqgħux l-eċċezzjoni jew is-siwi tagħha u kollox jibqa' jiddependi mill-fatt jekk l-azzjoni mnedija minn FSHL kellhiex tabilħaqq titnieda minnha jew jekk kellhiex titressaq mill-kumpanniji li huma tassew il-kredituri ta' Penza;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ma tistax toqgħod fuq l-argument imressaq minn FSHL li l-eċċezzjoni ta' Penza ma tiswiex ġaladarba l-arranġament li kien hemm bejnha u l-imħarrka kien wieħed ta' kont kurrenti. Lanqas ma tista' taqbel li, għaliex ikun hemm arranġament ta' tpartit, il-kreditu jista' jippretendi l-ħlas tiegħu min ma jkunx tabilħaqq il-kreditur. Tajjeb li jingħad li l-kuntratt tal-kont kurrenti jippreżumi arranġament fejn żewġ persuni (li jistgħu jkunu wkoll persuni ġuridiċi jew entitajiet b'personalita' ġuridika) jiftehmu li r-rimessi ta' xulxin jitniżżlu f'kont bħala partiti ta' dejn u ta' kreditu bil-bilanċ jitħallas mal-għeluq tal-kont minn min mill-partijiet jirriżulta li hu midjun lejn l-ieħor[22]. Ma jidhirx li f'arranġament ta' kont kurrenti tista' tindaħal persuna oħra li mhijiex diġa' parti fl-imsemmi kuntratt jew li jitqies bħala kreditur xiħadd li ma kienx parti fl-istess kuntratt[23], billi r-rimessi li jsiru ġo kont kurrenti ma jikkostitwux novazzjoni tal-obbligazzjoni, li tibqa' dik oriġinali[24]. Hekk ukoll jista' jingħad dwar meta u kif tista' ssir it-talba għall-ħlas tal-bilanċ li jibqa' meta jingħalaq il-kont, u dan għaliex dak il-jedd jibqa' dejjem il-jedd tal-parti fil-kuntratt li tirriżulta bħala l-kreditriċi netta tal-istess kont[25];

Illi kif tajjeb tissottometti Penza[26], ma ntweriex li FSHL hija ċessjonarja tal-bilanċ li kien dovut lil xi waħda mill-kredituri tal-imsemmi kont[27];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonjiet, il-Qorti ssib li l-ewwel eċċezzjoni hija tajba u sejra tilqagħha. Bl-istess mod, minħabba l-fehma li l-Qorti waslet għaliha, l-ewwel talba attriċi ma tistax tintlaqa' għaliex hija indirizzata lejn Penza bħala l-persuna li daħlet fi ftehim magħha meta fil-fatt kienu tliet kumpanniji separati u distinti minn FSHL li daħlu f'dan il-ftehim;

Illi ċ-ċaħda tal-imsemmija eċċezzjoni ma tfissirx li l-kreditu mhuwiex dovut, imma li t-talba trid issir minn min huwa tabilħaqq kreditur u dan b'azzjoni xierqa jekk ikun il-każ. Il-konsegwenza tas-sejbien favur Penza

[22] Art. 264 tal-Kap 13
[23] App. Inf. **28.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri noe vs Żammit*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.1009**)
[24] Torrente _Manuale di Diritto Privato_ (9[a] Ediz) § 347, paġ. 574
[25] Ara G. Alpa & V Mariconda _Codice Civile Commentato_ (2[a] Ediz, 2009) Libro IV, paġġ. 2126 – 7
[26] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 93 tal-proċess
[27] Artt. 1469 u 1470 tal-Kap 16

tal-ewwel eċċezzjoni preliminari mqajma minnha jwassal biex din il-Qorti la għandha għalfejn tistħarreġ ukoll it-tieni eċċezzjoni preliminari u wisq anqas il-mertu tat-tieni talba attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-kumpannija mħarrka billi hija mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u b'hekk teħles lill-istess kumpannija mħarrka milli tibqa' aktar fil-kawża; u

**Tordna** lill-kumpannija attriċi tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**21 ta' Frar, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**21 ta' Frar, 2017**